Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 38 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Eman Hayman

Vs

Joseph Mary Ebejer

Illum 18 ta' Gunju 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Joseph Mary Ebejer, detenur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 91065 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-14 ta' Settembru 2018 bejn il-hinijiet tal-11:00hrs u l-16:45hrs, gewwa dawn il-gzejjer:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil Maria Muscat taghmel jew tonqos illi

taghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha, jew biex immalafamaha, jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;

2. U talli wkoll fl-istess data ghall-habta tal-17:20hrs naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC 226 K. Pace, ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma halliex jew fixkel jew indahal lill-imsemmi ufficjal waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurtà ta' Maria Muscat skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Jannar, 2019, fejn il-Qorti li rat artikolu 49 (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta u artikolu 338 (ee) tal-Kodici Kriminali, iddikjarat lill-imputat Joseph Mary Ebejer hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-hlas ta' elf ewro (€1000) multa.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Mary Ebejer, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellant mhux hati u dan billi tilliberah minn kull imputazzjoni u piena, u fl-eventalita' li ssib htija fuq xi wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet, tirriformaha billi tapplika piena aktar miti fic-cirkostanzi.

Rat Illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

1. Illi fir-rigward ta' l-ewwel akkuza cioe' dik kontemplata fl-artikolu 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti nstab hati taht l-artikolu 49 (c) u gie kkundannat ghal multa ta' elf euro kemm ghal dan ir-reat kif ukoll ghall-kontravenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9. L-esponenti ma kellux jinstab hati taht l-artikolu 49 (c ) u dan peress illi bl-emenda recenti li giet fis-sehh fis-sena 2018, semplici kliem ingurjuz u malafamanti ma baqghux jammontaw ghal reat taht il-Kap 399. Fil-fatt il-proviso ghall-artikolu 49 ighid testwalment hekk:

Izda semplici kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imnissla jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettronici jew apparat u li jkunu jistghu jaghtu lok ghal azzjoni ghal malafama jew ingurja skond l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, ma ghandhomx jaghtu lok ghal reat taht dan l-Att.

Ma hemmx dubbju illi l-kliem miktub mill-esponenti lill-kwerelanti huwa bla dubbju ingurjuz izda gialadarba l-emenda dahlet fis-sehh fl-24 ta' April 2018, u l-allegat reat sehh fl-14 ta' Settembru 2018, allura l-agir ta' l-appellant qatt ma seta' jammonta ghal reat. Anke li kieku ghall-grazzja ta' l-argument l-emenda dahlet fis-sehh wara l-allegat reat, kienet tapplika fil-konfront ta' l-appellant il-ligi l-aktar favorevoli ghalih. Ghalhekk in vista ta' din l-emenda, l-appellant kellu jigi liberat minn din l-akkuza.

2. Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, din ma gietx provata sodisfacentement. Kull ma hemm kontra l-appellant, huwa dak li stqarr PC 226 fejn fl-affidavit qal fost l-ohrajn: fejn stqarr (presumibbilment ghall-appellant) li ma kienx ser jigi l-Ghassa… Bid-dovut rispett, PC 226 irrepeta dak li qallu l-appellant madankollu dan zgur li ma jammontax ghal reat. Jista' jkun illi nharget din l-akkuza peress illi skond l-istess PC l-appellant kien arroganti, izda ma qalx fhiex kienet tikkonsisti l-arroganza ta' l-appellant.

3. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel zewg aggravji, u jekk ghall-grazzja ta' l-argument u ghall-grazzja ta' l-argument biss din l-Qorti ta' Revizjoni ma tabbraccax l-argumenti ta' l-appellant kif suesposti, il-piena erogata ta' 1,000 Eur hija wahda esagerata. Tenut kont illi li kieku l-appellant inghata biss il-kontravenzjoni ta' l-ingurja, huwa kien jehel biss is-somma ta' 58 Eur.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2019.

Ikkunsidrat:-

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti u appuntu l-affidavit ta' **PC 226 K. Pace** mahluf fis-26 ta' Settembru, 2018 fejn dan stqarr li nhar l-14 ta' Settembru ,2018 ghall-habta tal-16.45p.m waqt li kien xoghol gewwa l-ghassa ta' Bormla, Maria Muscat marret tirraporta li kienet qed ticievi sensiela ta' messaggi fuq is-sit 'Facebook' fil-hinijiet bejn il-11.00 u 16.45 p.m bi kliem dispreggjattiv u insulenti.

Il-kwerelanti kompliet tistqarr li dan il-persuna bl-isem tal-profit 'Josmar Ebejer' kien baghat lil ohtha minuri Josloanne Roslan Muscat diversi messaggi fejn beda jikteb kliem ta' disprezz fil-konfront taghha (Mara Muscat) fuq incident li kien sehh fil-passat rigward il-mewt ta' tarbija taghha, Maria kompliet tghid li anke hi kienet irceviet dawn it-tip ta' mesaggi minghand l-imsemmija persuna b'dawn il-kliem, kif ukoll kienet ittegjata ohtha b'dawn il-kummenti.

Maria Muscat imbikkma kompliet tghid li hi ma felhitx ghal dan id-diskors fejn ghalhekk kient giet sabeix thejji rapport mal-pulizija sabiex jittiehdu proceduri ghal Qorti f'dan ir-rigward.

L-imsemmija kopja ta' dawn il-messsaggi fuq is-sitema 'NPS' irrizulta lil-persuna n kwisjtoni kienet jismu John Mary Ebejer detentur tal-karta ta' identita numru 91065(M).

Ghal-habta tal-17.20 ghamel kuntatt fuqil-mobajl cellurlari bin-numru 77669305 fejn tkellem ma John Mary Ebejer u ordnalu sabiex jirraporta gewwa l-ghassa ta' Bormla ghal aktar stharrig f'dan ir-rigward. John Mary Ebejer kien arroganti mieghu f'din it-telefonata fejn sahansitra stqarr li hu makienx ser jmur l-ghassa u gie infurmat li jekk ma jmurx kien ser jittiehed kontra tieghu proceduri ukoll talli ma kienx qed jobdi l-ordni tal-pulizija.

Rat il-messaggi mehuda mis-sit eletroniku 'Facebook' esebit fl-atti a fol. 2 et seq.

Rat l-okkrenza esebita fl-atti a fol 12 redatta minn PC 226 Karl Pace liema rapport sar fl-14 ta' Settembru, 2018 ghall-habta tas-18.450p.m.

Xehdt **Maria Muscat U Josloann Muscat** fl-24 ta' Jannar 2019 u dakinhar l-prosekuzzjoni ghalqet l-provi taghha.

Semghet ill-partijiet jittrattaw il-kaz u jaqblu li din il-Qorti ma kellhiex ghalfejn terga tisma ix-xhieda gja mismugha stante li l-fatti kif esposti ma gewx kontestati u l-appell kien wiehed piuttost ta' natura legali.

Ikkunsidrat.

Illi l-appellanti gie imressaq il-Qorti fl-ewwel lok akkuzat b'dak dipost fl-artikolu 49 (1) (a) (b) (c) tal-kap 399 tal-ligijiet ta' Malta u instab hati mill-ewwel Qorti. L-appellant qed isostni li ma kellux jinsab hati ta' dan ir-reat, u dan peress illi bl-emenda recenti li giet fis-sehh fis-sena 2018, semplici kliem ingurjuz u malafamanti ma baqghux jammontaw ghal reat taht il-Kap 399.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra l-akkuza migjuba fil-konfront tal-appellant taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat permezz ta-Att XI.2018.32.

Dan l-artikolu llum il-gurnata jaqra:

'*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*

*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*

*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*

*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,*

*ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat;*

*Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.'*

Illi ma hux kontestat li l-*posts* li gew esebiti a fol. 2 et seq jirrelataw ghal diskussjoni li saret bejn l-appellant Joseph Mary Ebejer taht l-isem ta' 'Josmar Ebejer' u il-kwerelanti Maria Muscat u ohtha Josloanne Roslan Muscat. Jidher minn esami ta' l-posts li kienu pubblici u cioe li jtiqieghdu fuq il-*wall* hemm certu diskors li sar mill-appellant fejn insulentaha bil-kliem ' *int mohhok marid'* …*'dhalt fi breakdown li lanqas Alla ma johorgok minnu'*, ighajjarha li kellha baby li mietilha u la ma tistax thadnu maghha u li *ser jispiccaw izidulha l-pilloli*. Jgharjjrha u jghidilha *'mohhok spiccut u li Mount Carmel jesak ta'*. Mhemmx dubbju ghalhekk li tali kliem jammontaw ghal-ingurji u insulti. Din ilQorit pero trid tara jekk tali agir jaqx taht id-disposizzjoni 49 tal-kap 399 tal-ligijiet ta' Malta kif fuq indikat.

**Kunsiderazzjonijiet ohra**

Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija **<u>Spettur Martin Sammut vs Dr. Alfred Grech[1]'</u>** gie kkunsidrat li:

'L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl- uz u minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-lig i fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-uz u ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil- paragrafu (c ) jingħad li "jagħmel uz u ieħor mhux xieraq" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispoz izzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix nec essarjament f'theddid iz da li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messag g li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messag g i in kwistjoni ma jitqiesux theddid iz da jitqiesu

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Lulju, 2013 (Numru 344/2012)

bħala messag g i vulgari dan hu biz z ejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (c ) msemmi in kwantu huma messag g i li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jirc evihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irc evihom. Din hi l-konsegwenza tal- applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall- interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (c ) msemmi.'

Il-Qorti tiehu l-opportunita' biex tfakkar li l-mezzi ta' komunikazzjoni m' ghandhom jintuzaw biex persuni jinsulentaw lil xulxin imma ghandhom jintuzaw biex ikun hemm kuntatt bejn il-qraba u hbieb u mhux jintuzaw bhala kamp tal-battalja, tinholoq firda bla bzonn specjalment bhalissa fiz-zmien partikolari li qeghdin nghixu. Ilfacebook ghandu jkun mezz fejn wiehed ma jiddejjaqx jesprimi l-opinjoni tieghu izda mhux bhala mezz biex bih tinkiser il-ligi. Minn juza l-apparat ta' komunikazzjoni ghandu juza dan b'responsabbilta' kif enfasizzat il-Qorti fil-kawza **Il-Pulizija vs Stefano Zampa**[2].

Fil-kaz in dezamina judher car li l-kliem uzat mill-appellant kien kliem ingurjuz u malfamanti tant li ghajjarha li mo'mohhha marid, li mohha spiccut u ghandhom izidulhail-pilloli u Mount Carmel jesahhha u kliem ximili. Dan hu kompotament definittivament pwereili u haqqu kundanna qawwija u dan ghaliex l-iskop ta' face book zgur mhux dak li tinsulenta u tingurja u tirredikolu persuna ohra izda huwa vejikolu biex titrasmetti news feeds u post fejn tivventila opinijonijiet u reklamai izda mhux biex timamlafamata u tingurja lil haddiehor.

Pero dan l-artikolu ghandu il-proviso tieghu li jipprovi s-segwenti:

"*Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att*".

Din hi l-emenda konsegwenzjali li saret għall-Att biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi peremzz ta' l-Att Xi ttas-sena 2018 imsejha Att biex jipprovdi għall-aġġornar tar-regolamentazzjoni ta' ħwejjeġ li jikkonċernaw il-midja u l-malafama u għal ħwejjeġ konsegwenzjali jew anċillari għal dan datat 24 ta' Apri 2018.

[2] Deciza fil-25 ta' Mejju 2017 mill-Qorti tal-Magistrati(Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Dan id-diskors xejninfelici u malafamnti maghmul mill-appellant jammonta ghal dak li jiddisponi l-artikolu 11 tal-kapitolu 248 dwar l-Istampa u ghalhekk procedure kellhomjigu intavolati fil-konfront tieghu skond dik id-disposizjoni tal-ligi.

Dwar it-tieni akkuza u cioe dik kontravenzjonali li l-appellant naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu min PC 226 waqt li dan kien fil-qadi ta' dmirijeitu u cempel lill-appellant u talbu sabiex imur l-ghassa u dan naqas li jghamel hekk. Dawn huma il-fatti li l-rposeskuzzzjoni fuq xhiex qed tibbaza l-akkuza taghha.

Illi din il-kontravenzjni tipprovdi s-segwenti:-

338. *Huwa ħati ta' kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –*

(ee) *"ma jobdix l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jħallihx jew ifixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, jindaħal fi dmiru, billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra";*

Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati li ordni legittimu moghti mill Pulizija ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinska ta' dak l-ordni (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Austin Grech**[3]".

Gie ukoll ritenut li ordni jitqies li hu legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) tal-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali, jekk ikun prima facie legittimu, igifieri jkun prima facie regolari fil-kontenut tieghu w fil-forma li fih jinghata.(ara App. Krim' "**Il-Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze**[4]".

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ordni li trid tinghata lil dak li jkun trid tingahta de viso u mhux tramite telefonata. L-ghan ta' din il-kontravenzjonni hija li l-ufficcjal pubbliku ikun qed jghamel xi xoghol in konnessjoni mal-kariga tieghu u jigi impedut minn terza persuna ghal xi raguni jew ohra u dak il-hin l- ufficcjal jghati xi ordni lil dak li jkun bil-ghan li ma jfixklux fil-qadi ta' dmirijietu. L-ghan ta' din il-

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Ottubru 1992
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Gunju 1997

kontravenzjoni hi sabiex l ufficcjali jithalla jahdem fil-kwiet u minghajr interferenzi. F'din is-sitwzzjoni meta l-ufficcjal ra li l-appellant ma nizilx l-ghassa seta jew mar ghalih u arrestat jekk kien qed jinvestigah fuq reat u f'dik l-eventwalita f'kaz li l-appellant ma marx mieghu allura kien ikun hati ta' din il-kontravenzjoni.

Meta tqis dak li qal PC 226 Pace liema xhieda ma tidhirx kontestata u cioe dak li qal ex admisses " *jien ghamilt kuntatt fuq il-mowbajl cellular bin-numru 77669305 fejn kellimt lil John Mary Ebejer u ordnajtlu sabiex jirraporta gewwa l-ghassa Bormla ghal aktar stharrig f'dan ir-rigward*". Ta' min jghid li sa dak il-hin l-ufficcjal gja kellu f'idejh rapport u ghalhekk kellukul dritt li jottjeni mandate biex jinvestiga ulterjorment u jkellem lill-appellant jekk hass il htiega. Pero ordni ut sic biex l-ghassa u ma tigix segwita ma tappontax ghal agir rikjrest taht dik il-kontravenzjoni Sabiex din il-kontravenzjoni tissusti. L-ordni lanqas biss kellha hin meta gie mtitlub jinzel l-ghassa kient talba generika

Din il-Qorti ghalhekk filwaqt li tiddeplora bil-qawwa l-agir tal-appellant fil-konfront tal-kwerelanti fir-rigward tal-fatti kif espost rigward l-ewwel akkuza tiddikjara li qed tilqa' l-appell tieghu b'dan illi qed tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tilqa' l-appell tal-appellanti.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur